**REGJUN XLOKK**

VALLETTA, BIRGU, ISLA, BORMLA, HAZ-ZABBAR, ZEJTUN, FGURA, FLORIANA, KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL-TARXIEN, XGHAJRA.

# MINUTI

## Laqgħa tar-Regjun Xlokk

## Laqgħa Nru. 76/2016 tat-tieni Amministrazzjoni

Data: 28 ta' Awwissu, 2016

Hin: 18.30

Post: Ufficcju Amministrattivi tar-Regjun Xlokk, f' 97 Triq Santa Marija, Tarxien.

---

Preżenti:

***Chev Paul Farrugia*** – *President, Sindku Tarxien*
***Sur Lawrence Attard*** – *Kunsillier Birgu*
***Sra Alison Zerafa Civelli*** – *Sindku Bormla*
***Sur Francis Debono*** – *Sindku Marsa*

***Sra Joan Mangion*** – *Segretarju Eżekuttiv*

Assenti:

Kunsill Lokali Valletta
Kunsill Lokali Isla
Kunsill Lokali Zabbar
Kunsill Lokali Zejtun
Kunsill Lokali Fgura
Kunsill Lokali Floriana
Kunsill Lokali Kalkara
Kunsill Lokali Marsascala
Kunsill Lokali Marsaxlokk
Kunsill Lokali Paola
Kunsill Lokali Xghajra

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;

2. Punti mqajma mill-Minuti;

3. Komunikazzjoni mil-President;

4. Korrispondenza;
5. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
6. Aġġornament.

## 1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

Qari u approvazzjoni tal-Minuti

**1.1** Peress li l-Minuti tal-Laqgħat numru 73, 74 u 75/2016 mizmuma fil-13 ta' Gunju, 18 ta' Lulju, u 25 ta' Lulju 2016 kienu ġew iċċirkolati minn qabel, il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab l-approvazzjoni tal-Kumitat.

Il-Kumitat approva l-Minuti, liema minuti ġew iffirmati mill-President u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 2. Punti mqajma mill-Minuti

Punti mqajma mill-Minuti

**2.1** Ma tqajjmu l-ebda punti mill-Minuti

## 3. Komunikazzjoni mil-President

**3.1** **Riforma tal-LES**

Riforma tal-LES

Il-President fakkar li fil-laqgha tat-13 ta' Gunju kien gie deciz b'mod unanimu li kellha tintbaghat ittra lill-Onorevli Ministru Dr Owen Bonnici fejn jigi mitlub li jordna lill LESA li tieqaf tawtorizza lifting u kancellamenti ta citazzjonijiet tar-Regjun u il-kunsilli li jaqghu tahtu, kif wkoll li jordna lil LESA tirrifondi lir-Regjun u lill-Kunsilli l-ammont ta' flus li kienet awtorizzat li jigu ikkancellati. Huwa zid li wara din il-laqgha hu kien talab lill-AKL biex torganizza laqgha mal-Onorevoli Ministru, il-presidenti u is-segratarji ezekuttivi kif wkoll is-Sur Raymond Zammit u is-Sra Elizabeth Vassallo mill-LESA biex jigu diskussi il-punti imqajjma mill-exzekuttiv qabel ma tinbaghgat l-ittra lill-Ministru.

Waqt din il-laqgha is-Sra Vassallo spjegat li hija kienet qed ikollha laqghat mas-Segretarju Permananti tal-Ministeru, is-Sra Paulanne Mamo, u kienet qed tigi formulata policy dwar kif u meta jistghu jigu ikkancellati kontravenzjonijiet, fuq kif ir-regjuni se jibdew ikunu rifusa kemm tal-salarji kif wkoll ta l-ispejjez tal-operat. Hija spjegat wkoll li kienu qed isiru diskussjonijiet biex jigi analizzat l-ammont ta' 23 miljun dovuti lill-kunsilli u ir-regjuni f'kontravenzjoniet biex jigu identifikati u ikkancellati kontravenzjoniet ta' individwi mejta. Is-Sra Vassallo kompliet tispjega li wara l-gheluq ta l-ewwel sena mill-operat ta' l-agenzjija kienu

se jigu preparati l-istatements finanzjarji biex b'bekk ikun jista jigi identifikat is-surplas mill-operat tas-sistema.

Il-President kompla li waqt il-laqgha gie diskuss wkoll arrangament li kienet qed tipproponi l-agenzjia fejn isir ftehim bejnha u bejn ir-regjuni u kunsilli biex l-agenzjia tiehu taht idejha il-gbir ta' flus dovuti minn kontravenzjonijiet. Ghal dan l-ezercizzju l-agenzjia kienet se tkun qed izzomm mizata amministrattiva ta' 10%.

**Riforma tar-Regjuni**

3.2 Il-President spjega li kienu ghadhom ghaddejjin tahdidiet dwar ir-riforma tar-regjuni. Hu fakkar li ir-Regjun kien ghamel talba li bhala parti minn din ir-riforma kellha issir amenda fil-ligi beix tinghata remunerazzjoni ghall-attendenza tal-laqghat tar-Regjun.

Riforma tar-Regjuni

**Laqgha ma representanti tal-OHSA fuq sigurta fl-ufficini tal-kunsilli lokali**

3.3 Il-President spjega li kienet saret il-laqgha proposta bejn ir-regjuni u ufficjali mill-OHSA li kien ghamel accenn ghaliha fil-laqgha precedenti. Ir-rapresentanti ta' l-OHSA spjegaw li wara numru ta inpections li ghamlu fil-kunsilli sabu numru ta' nuqqasijiet foshom li il-kunsilli qatt ma ghamlu risk assessemnt u nuqqas ta' tabelli li jindikaw il-hrug mill-bini tal-kunsilli. Il-Presient zied li l-OHSA ma kienitx qed tipprovdi is-servizz ta' risk assessment b'xejn kif kien isir fil-kaz tal-playing fields fil-lokalitajiet.

Laqgha ma representatni tal-OHSA fuq sigurta fl-ufficini tal-kunsilli lokali

**Ftuh ta' kont bankarju biex jithalsu minnu is-salarji**

3.4 Il-president spjega li wara li ir-Regjun kien gieb l-approvazzjoni tal-ezekuttiv biex jinfetah kont bankarju biex l-honorarium tal-president u is-salarji ta' l-impjegati ikunu jistghu jigi ikkreditati direttament fil-kontijiet bankarji taghhom, il-Bank of Valletta talab li is-sindki kollha ta' kull kunsill fi hdan ir-regjun imorru fil-branch ta Paola biex tittiehed photocopy tal-karta ta' l-identita taghhom.

Ftuh ta kont bankarju biex jithalsu minnu is-salarji

**League of Historic Cities Conference 2018**

3.5 Il-President qal li kien ircieva ittra mic-Chairman fejn kien irrringrazzjah tal-partecipazzjoni tar-Regjun fil-laqgha annwali kif wkoll ghal-sottomessjoni li ir-Regjun kien ghamel biex jorganizza il-laqgha tat-2018 f'Malta. Huwa zid li ic-Chairman talbu biex ir-Regjun jerga jaghmel sottomissjoni ohra ghal-laqgha tat 2020.

League of Historic Cities Conference 2018

**3.6 Project CityMobilNet taht il-Programm URBACT**

Il-President spjega li flimkien mas-segretarju ezekuttiv kien talab laqgha mal-first level controller tal-project kif wkoll mas-Sur Robert Tanone, in-national contact Point tal-URBACT Programme f'Malta ghad-DLG. Waqt din il-laqgha kien gie diskuss il-kuntratt li ir-Regjun kellu mal-espert fuq il-progetti. Ir-Regjun inghata il-parir li tinhareg sejha biex jigi ingaggat espert estern ghal-dan il-progett biex l-ispiza tieghu tkun tista tigi finanzjata mill-budget tal-progett.

Ir-President zied li kienu qed isiru il-preparamenti kollha ghal-konferenza li kienet se ssir gew Malta bejn is-6 u it-8 ta' Settembru 2016. Ghal din il-konferenza kienu se jattendu il-partners fil-progett.

## 4. Approvazzjoni tal-Pagamenti

Approvazzjoni tal-Pagamenti

**4.1** L-Iskeda tal-Pagamenti giet approvata u giet iffimatata wkoll minn zewg membri tal-Kumitat, il-President u is-segretarju ezekuttiv.

## 5. Aġġornament

Aġġornament

**5.1** Il-laqgħa ġiet aġġornata ghat-30 ta' Awwissu, 2016 fis-18.30.

***Chev Paul Farrugia***
*President*

***Joan Mangion***
*Segretarju Eżekuttiv*

Data: